MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 289/2005

**Avviz numru 289/05DM**

**Grima Mario (ID 102259 M)**

**Vs**

**Dram Co Ltd (C 29773)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef, seba’ mija u tmin liri Maltin u hames centezmi (LM1,708.05c) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn din il-Qorti in kwantu ghal tlett elef lira Maltin (LM3,000) rapprezentanti bilanc fil-prezz ta’ zewg magni ta’ l-istampar mibjugha mill-attur lis-socjeta’ konvenuta u in kwantu ghal seba’ mija u tmin liri Maltin u hames centezmi (LM708.05c) rapprezentanti arretrati ta’ pagi u *bonuses* dovuti lill-atturi mis-socjeta’ konvenuta ghall-perjodu meta l-attur kien jahdem mas-socjeta’ konvenuta.

Bl-imghax mid-data tal-prezentata ta’ l-avviz u bl-ispejjez komprizi sitt liri Maltin (LM6) tal-konsult u tal-madat ta’ sekwestru pprezentat fl-4 ta’ Mejju, 2005 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma baghtu xi rapprezentat taghhom biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet ukoll bil-gurament lill-attur Mario Grima, li kkonferma illi ghadu kreditur tal-kumpanija konvenuta fl-ammont mitlub fl-avviz issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghdha ghalhekk tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill- kumpanija konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma mitluba fl-avviz ta’ tlett elef, seba’ mija u tmin liri Maltin u hames centezmi (LM3,708.05c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b’ effett mis-17 ta’ Mejju, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------